KLR 20/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 30 ta' Lulju 2014 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membru Anthony Briffa.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

***2. Update – ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo***

i. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-laqgħat bejnu, bejn il-Perit, il-*Project Administrator* u l-kuntrattur baqgħu isiru kull nhar ta' Sibt.

ii. Ix-xogħol twaqqaf sal-ġimgħa ta' wara l-festa ta' Santa Marija. Saret talba lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma sabiex ix-xogħol tas-servizzi inkonnessjoni ma dan il-proġett jekk jista' jkun jiġi nkluż bil-baġit tal-korporazzjoni għas-sena d-dieħla.

iii. Rigward il-logħob tan-nar tal-art fi Pjazza Savina, il-membri qablu li fil-ġnub tal-pjazza jsiru toqob u l-biċċiet li jinħarqu fin-nofs tal-pjazza jsiru fuq blokki tal-konkos.

iv. It-'*Tender for the procurement, design and installation of Braille and tactile signage – Project ERDF 249, Dept. Ref. 249/05/14'* ma tefagħha ħadd. Il-membri qablu li terġa tinħareġ.

v. Il-membri qablu li l-*evaluation boards* għall-offerti:- '*Tender for the procurement, design, engraviang and installation of travetine interpretation panels – Project ERDF 249. Dept. Ref.: ERDF 249/04/14'* u '*Tender for Repaving of part of Triq l-Arcipriet Saver Cassar as part of the project'Setting up of an integrated cultural, archaeological and historic trail' 249. Dept. Ref: ERDF 249/06/14'* ikun kompost mill-evalwaturi l-Perit Gordon Vella, l-Inġ. James Grima u Paul Dimech, *Chairman* William Sultana u Segretarja Miriam Attard.

vi. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-*Project Administrator* iltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xgoħol. Minn naħħa tal-uffiċċju tal-Kunsill ser jintbagħat dak li ntalab mill-Awtorita'.

**3. *Update – Playing Field***

Il-membri ġew mgħarrfa li s-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-proġett, Etienne Magri, ser jattendu għal-laqgħa bi-laterali ma rappreżentanti tal-*Managing Authority*. Minn hemm ser jittieħdu deċiżjonijiet fuq il-fondi ta' dan il-proġett. Is-Sindku għarraf lill-membri li wara l-festa ta' Santa Marija ser issir laqgħa mal-kuntrattur sabiex jitħejja l-*Progamme of Works* sabiex jinbeda x-xogħol immedjatament.

**4. Skrivan ġdid – appuntar tal-bord li ser jagħmel l-*interviews***

Billi l-*Assistant Principal* Odette Camilleri bdiet isservi ta' Segretaraju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Fontana b'effett mll-Ħamis 26 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill beda l-proċess ta' ingaġġ ta'skrivan ġdid (*back-to-back*) fuq skala 15. Għas-sejħa nterna ma kienx hemm applikazzjonijiet u għalhekk ser tinħareġ sejħa għal min qed jirreġistra għax-xgoħol. Il-membri qablu li l-bord li ser jagħmel l-*interviews* għandu jkun kompost mill-Viċi Sindku Josef Schembri, il-kunsilliera Maria Portelli u Michel Buttiġieġ. Membri oħra għandhom jintgħażlu minn l-*Accountant* John Buttiġieġ, Mario Borġ u Nancy Grech.

**5. Festa tan-Nanniet – 12 t'Ottubru**

Ill-membri qablu li l-Kunsill għandu jgħin fl-organiżazzjoni ta' din l-attivita' li ser issir fil-Villa Rundle. Il-kumitat organiżżattiv intalab sabiex jippreżenta stima ta' spejjes li ser ikunu nvoluti f'din l-attivita'.

**6. Approvazzjoni tal-kontijiet**

6.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar t'Awwissu 2014 skont Dokument A anness.

6.2 Tressaq kont tal-ARMS fuq konsum tad-dawl fuq *CCTV cameras* fil-*palying field*. Il-Kunsill qatt ma talab jew kellu talba għal dawn il-*cameras*. Il-membri qablu li l-Avukat tal-Kunsill tikteb lill-ARMS rigward dan.

6.3 Tressaq kont mingħand Gatt Tarmac Ltd rigward xogħol ta' *survey* fuq l-*area* li taqa' taħt mil-proġett tal-ERDF. Il-membri qablu li dan għandu jiġi ċertifikat mill-Perit u l-*Project Administrator*.

**7. Attivitjiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena**

Il-membri qablu li l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena ssir kif isir is-soltu. Jekk matul ix-xahar ta' Diċembru jkun għaddej il-proġett tal-ERDF u l-attivita' tkun ser ittellef ix-xogħol għal-ammont ta' ġranet, il-Kunsill jikkunsidra li l-attivita' ssir band'oħra. Il-*Christmas Village* għandu jisr bejn it-12 u l-14 ta' Diċembru 2014. Il-membri qablu li l-grupp *Winter Moods* għandu għal darb'oħra jerġa jkun mistieden għall-attivita' ta' l-Ewwel tas-Sena.

**8. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

*Transport Malta* (TM) ħarġet il-permess għall-

8.1 *double yellow lines* faċċata ta'garaxx ta' 'G4 Securities' fi Triq il-Madonna tal-Ġilju;

8.2 *one metre double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 'Jaclyn', Triq Viani.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għall:-

8.3 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' fl-ewwel *parking bay* fi Triq taħt Putirjal n-naħħa tal-iskola 'St. Francis';

8.4 aċċess għall-*wheel chairs* quddiem il-bieb tal-ħanut 'Papillon', fi Triq Ninu Cremona;

8.5 *one metre double yellow line* fil-ġnub tal-garaxx ta' 69, Triq il-Kunsill Ċiviku;

8.6 *road hump* fil-bidu ta' Triq Francesco Masini n-naħa ta' Triq Mro. Dirjano Lanzon;

8.7 *double yellow line* quddiem 'Dar Emmaus' fi Triq Mro Dirjano Lanzon;

8.8 *barrier*/ħadida mal-kantuneira ta' Rita Darmanin li toqħgod 1/2 Triq Vajrinġa;

8.9 Rigward il-passaġġ ta' bejn Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem, il-membri ma qablux li dan isir *one way* peress li l-maġġroanza tar-residenti ma qablux. Għandhom jitpoġġew tabelli li ma jistgħux jgħaddu vetturi tqal u sinjali ta' *speed limit*.

**9. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

9.1 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn inġibdet l-attenzjoni fuq żewġ pagamenti li saru mingħajr ma ntalbet kwotazzjoni;

9.2 il-*Gozo Street Naming Committee* rigward is-suġġeriment għal-bdil tal-isem ta’ Triq il-Kastell għall-Triq il-Ħaġġarija. Il-membri qablu li kif sar qabel fejn tressqu proposti simili, l-Kunsill għandu jikkonsulta mar-residenti qabel tingħata risposta lil dan il-kumitat.

9.4 Mons. Dr Joe Vella Gauci fejn irringrazja l-Kunsill talli għoġbu jonorah bl-Onorefiċneza ‘Ġieħ il-Belt Victoria’;

9.5 Grace Sultana li ma ssibx oġġezzjoni sabiex teħel bozza tad-dawl tat-triq mal-propjeta’ tagħha sakemm ikun qed jinbena l-post ta’ magnbha li hu ta’ Jacqueline Grech;

9.6 Michael Formosa Segretarju tas-Soċjeta’ Filarmonkina La Stella, rigward (i) il-porosta li RockAstra 2015 issir fis-6 ta’ Ġunju. Il-membri ma sabux oġġezzjoni. (ii) il-kiosks li jarmaw fil-festa ta’ San Ġorġ. Il-Kunsill diġa’ nfurmah li dawn il-permessi dejjem inħarġu b’kunsens tal-entitajiet involuti mal-festa mis-Soċjeta’stess;

9.7 Deborah Pace mill-*Monitoring Committee* ta’ Vot 16 rigward in-nominazzjoni ta’ Ambaxxatur Lokali ġdid peress li Beppe Galea għalaq it-18’ il sena. Il-membri qablu li jiġi nominat Mark Farrugia (5097G);

9.8 MaryRose Mericieca rigward talba għall-bankina ġdida quddiem ’Mary Help of Christians’, Triq il-31 ta’ Marzu 1979. Il-membri qablu li din il-bankina ssir meta jmiss wara l-bankini diġa’ approvati;

9.9 il-Kunsill Lokali tax-Xagħra rigward tiswija ta’ Triq is-Sellum. Il-membri qablu li jsir *patching*;

9.10 l-Ombudsman rigward korrispondenza li rċieva mingħand Paul M Cassar fuq il-kas li kien seħħ fi Triq Vajrinġa f’Settembru 2009;

**10. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

10.1 tinħareġ vakanza għal *Executive Officer* Skala 13. L-ewwel pass irid ikun li din il-vakanza tinħareġ interna;

10.2 jitnaddfu l-ġnub ta’ Triq Ħamamiet u l-aħħar parti ta’ Triq Qasam San Ġorġ bl-użu ta’ *bobcat* żgħir;

10.3 l-ħwienet, stabbilimenti, ristoranti u djar residenzjali tal-*area* ta' Pjazza Indipendenza jiġu avżati li l-Kunsill ser ineħħi l-ingombru u materjal/skart goff kollu li jinsab biswit il-Banca. Jekk jibqa' jitħalla materjal ieħor bħall-umbrellel, bankijiet u ħadid, il-Kunsill ser jibda jneħħieħ minn jeddu;

10.4 jiġi rappurtat lill-gwardjani lokali bl-iskart li ta' kuljum qed jitħalla fil-parkeġġ ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex;

10.5 jiġi rappurtat lill-MEPA sabiex jittella ħajt ta' tmin filati quddiem l-għalqa li hi propjeta ta' Carmelo Galea u tinsab fi Triq Ġuże' Cremona;

10.6 jiġi rappurtat lill-MEPA sabiex jittella ħajt ta' tmin filati quddiem l-għalqa li hi propjeta' ta' Emanuel Żerafa li tinsab fi Triq Muniċipju Ruman;

10.7 jittieħed il-parir tal-Avukat tal-Kunsill rigward l-ipparkjar fit-tul tal-vetturi tal-bejjiegħa tal-monti fi Pjazza Indipendenza. Dan qed jiġu pparkjati f'żona li hi *un/loading* sat-15.30.

10.8 Il-membri ġew mgħarrfa li nhar it-Tnjen 28 ta' Lulju 2014, ġie ffirmat il-ftehim rigward l-iskema *Greening the Community*. Il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima alloka s-somma ta' €50,000 sabiex isir dan il-proġett fil-Belt Victoria. Minn naħa tal-uffiċċju tal-Kunsill qed isiru l-preparamenti sabiex tinħareġ l-offerta.

10.9 Infetħet l-unika stima li ntefgħet rigward l-assikurazzjonijiet tal-Kunsill. Din intefgħet biss minn Citadel Insurance pls. Il-membri qablu li din terġa tinħareġ sabiex il-Kunsill ikollu aktar għażla.

Il-laqgħa ntemmet fid-20.45 u laqgħa oħra ser issir *sine die*.

Av Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv